



---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

**2023/2147(DEC)**

12.2.2024

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2022 (2023/2147(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Pascal Canfin

PA\_NonLeg

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-proposta għal deċiżjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-missjoni taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (iċ-“Ċentru”) hija li jidentifika, jivvaluta u jikkomunika t-theddid attwali u emerġenti għas-saħħa tal-bniedem ikkawżat minn mard infettiv u li dan iċ-Ċentru jaħdem fis-sitt oqsma li ġejjin, jiġifieri s-sorveljanza, it-tnejn għat-tifqigħat u l-appoġġ għar-rispons, il-parir xjentifiku, is-sorveljanza mikrobijoloġika, it-taħriġ u l-komunikazzjoni dwar is-saħħa pubblika;
2. Jinnota li l-baġit ewlieni taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (iċ-“Ċentru”) għall-2022 kien ta’ EUR 99,9 miljun (it-tnaqqis ta’ 40 % meta mqabbel mal-2021 kien minħabba bidliet fl-għotjiet tal-HERA) u li 96,6 % tad-dħul totali huwa derivat mill-baġit tal-Unjoni;
3. Jilqa’ l-ftehim ta’ ħidma tas-16 ta’ Marzu 2023 bejn iċ-Ċentru u l-Awtorità Ewropea għar-Rispons f’Każ ta’ Emerġenza tas-Saħħa sabiex ikomplu jeliminaw id-duplikazzjonijiet possibbli bla bżonn u jaħdmu biex ir-riżorsi disponibbli jintużaw b’mod aktar effiċjenti;
4. Jilqa’ l-ħidma kontinwa taċ-Ċentru fil-monitoraġġ tar-reżistenza għall-antimikrobiċi u l-isforzi tiegħu biex jappoġġja l-ħidma tal-Unjoni lejn il-ħames miri tagħha, kif adottati fit-13 ta’ Ġunju 2023 mill-Kunsill fir-Rakkomandazzjoni tiegħu dwar it-tisħiħ tal-azzjonijiet tal-UE għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi f’approċċ “Saħħa Waħda”, li għandhom jinkisbu sal-2030; dawn il-miri jinkludu tnaqqis fil-konsum globali tal-antibijotiċi, preferenzi speċifiċi ta’ gruppi antibijotiċi, u l-mitigazzjoni ta’ infezzjonijiet fid-demem ikkawżati minn patoġeni li spiss ikunu reżistenti għal diversi antibijotiċi fl-istess ħin; ifakkar li r-reżistenza għall-antimikrobiċi hija sfida kbira għas-saħħa pubblika fl-Ewropa u globalment qed toqtol aktar minn 35 000 persuna fis-sena madwar l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda u n-Norveġja;
5. Jinnota li matul is-sena 2022, l-eżekuzzjoni tal-baġit globali f’termini ta’ approprjazzjonijiet ta’ impenn kienet 98,86 % (dan jirrappreżenta tnaqqis ta’ 0,49 % meta mqabbel mal-2021), filwaqt li, f’termini ta’ pagamenti, l-eżekuzzjoni tal-baġit żdiedet b’9,5 % meta mqabbla mal-2021, u laħqet 73,61 % tal-baġit totali tal-2022;
6. Jinnota li l-pożizzjonijiet addizzjonali allokat li iċ-Ċentru wara l-estensjoni tal-mandat taċ-Ċentru<sup>1</sup> mtlew fl-2022; jissottolinja li ż-żieda ta’ kompiti ġodda u ż-żieda fl-ammont ta’ xogħol tiegħu jridu jkunu akkumpanjati minn żidiet korrispondenti adegwati fil-persunal u r-riżorsi taċ-Ċentru, u li nuqqas ta’ persunal joħloq pressjoni sinifikanti fuq il-kontinwità tal-operazzjonijiet tiegħu u jhedded il-kwalità tal-ħidma taċ-Ċentru;
7. Jinnota bi tħassib il-mandat li jikkoinċidi bejn l-ECDC u l-HERA u jitlob tnaqqis tad-duplikazzjoni tal-isforzi bejn iż-żewġ entitajiet u diviżjoni ċara tal-kompiti;

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/2370 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Novembru 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 851/2004 li jistabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard, ĠU L 314, 6.12.2022, p. 1.

8. Jilqa' l-modalitajiet taç-Ċentru għall-implimentazzjoni tal-mandat imsaħħaħ tal-ECDC li daħal fis-seħħ f'Diçembru 2022, kif ukoll il-programm ta' trasformazzjoni ASPIRE (Antiċipazzjoni, Appoġġ, Tħejjija, Informazzjoni, Rispons u Tisħiħ) żviluppat biex jgħin fl-implimentazzjoni;
9. Jinnota li fl-2022, iç-Ċentru żamm il-pjan tiegħu għal emerġenza tas-saħħa pubblika b'rispons għall-persistenza tal-pandemija tal-COVID-19, li, minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika relattivament stabbli, tnaqqas għal "fażi ta' manutenzjoni" f'Ġunju 2022; jinnota li l-ammont ta' xogħol tal-ECDC relatat mal-pandemija baqa' għoli matul is-sena, għalkemm l-enfasi mxiet lejn il-monitoraġġ, il-prevenzjoni u l-kontroll aktar fit-tul tas-SARS-CoV-2;
10. Jinnota li fl-2022 iç-Ċentru implimenta simultanjament żewġ pjanijiet oħra ta' emerġenza tas-saħħa pubblika, għall-ġidri tax-xadini u għal epatite ta' orijini mhux magħrufa, u dan tefa' eżiġenzi serji fuq il-kapaçità esperta taç-Ċentru biex ikopri l-attivitajiet meħtieġa għat-tliet emerġenzi kollha;
11. Jenfasizza r-rispons rapidu taç-Ċentru għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari l-fatt li iç-Ċentru appoġġja lill-Istati Membri billi kkoordinata u pprova b'mod attiv attivitajiet ta' rispons tekniku u operazzjonali relatati mal-influss ta' rifuġjati;
12. Jinnota li iç-Ċentru wettaq 89 % tal-eżiti pprogrammati għall-2022 skont l-Istrateġija taç-Ċentru 2021-2027, b'total ta' 8 % tal-eżiti pplanati posposti u bi 3 % mdewma jew ikkançellati, inklużi l-aġġornament tal-Atlas ta' Sorveljanza tal-Mard Infettiv u l-kapitoli tar-Rapport Epidemjoloġiku Annwali tiegħu, il-portal il-ġdid ta' sorveljanza EpiPulse tal-ECDC, u l-pubblikazzjoni ta' 210 eżitu xjentifiku kif ukoll 65 artiklu evalwat bejn il-pari;
13. Jistieden liç-Ċentru jiżgura trasparenza sħiħa fil-pubblikazzjoni tal-istudji xjentifiçi u jsaħħaħ il-kapaçità ta' komunikazzjoni esterna tiegħu lejn il-pubbliku ġenerali, billi jiżgura li l-informazzjoni ewlenija kollha, speçjalment dik relatata mal-emerġenzi tas-saħħa pubblika, tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE u jagħmilha façilment aċçessibbli u komprensibbli għaç-çittadini tal-UE;
14. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti liç-Ċentru r-riżorsi meħtieġa biex jissodisfa l-oġġettivi tal-Istrateġija 2021-2027 u jimplementa r-Regolament fundatur rivedut taç-Ċentru;
15. Jinnota li 3 % tal-membri/tas-sostituti maħtura tal-Bord tal-Amministrazzjoni kif ukoll 3 % tal-membri/tas-sostituti maħtura tal-Forum Konsultattiv ma ppreżentawx id-Dikjarazzjoni ta' Interess (DoI) annwali tagħhom; jistieden liç-Ċentru jiżgura li l-membri kollha tal-bord tal-amministrazzjoni, il-membri kollha tal-forum konsultattiv u s-sostituti kollha tagħhom ikunu ppreżentaw id-dikjarazzjonijiet ta' interess annwali meħtieġa; jistieden liç-Ċentru jiżgura li l-esperti xierqa jkunu involuti fil-ħidma taç-Ċentru fl-attivitajiet tiegħu kollha u li jinżamm livell għoli ta' konformità mar-regoli dwar il-kunflitt ta' interess;
16. Jinnota li skambju fil-fond ta' informazzjoni u għarfien espert bejn l-ECDC, l-Istati Membri u sħab oħra, kif ukoll l-iffaçilitar tal-iskambji bejn l-Istati Membri, huma essenzjali għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika;

17. Jilqa' l-fatt li s-sodisfazzjon ġenerali tal-partijiet ikkonċernati bil-ħidma tal-ECDC laħaq 86 % fl-2022;
18. Jenfasizza l-fatt li ċ-Ċentru jiżgura li l-eżiti xjentifiċi tiegħu jkunu disponibbli liberament kemm fis-sit web tiegħu kif ukoll f'ġurnali xjentifiċi, bi 98 % tal-pubblikazzjonijiet tal-ECDC f'ġurnali evalwati bejn il-pari jkunu aċċessibbli liberament fl-2022;
19. Ifaħħar il-ħidma kontinwa fl-2022 biex jiġu identifikati razez ta' mikrobi ġodda reżistenti għall-antimikrobiċi li huma ta' tħassib partikolari, bħal razez ta' mikrobi reżistenti għal ħafna mediċini, batterji li jipproduċu betalattamażi bi spettru estiż u/jew karbapenemażi, u jenfasizza l-importanza ta' din il-kwistjoni għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika;
20. Jirrakkomanda, abbażi tal-fatti disponibbli, li tingħata l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2022.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Il-President fil-kapaċità tiegħu bħala rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	24.1.2024
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 71 -: 6 0: 6
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Catherine Amalric, Maria Arena, Hildegard Bentele, Sergio Berlato, Michael Bloss, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Nathalie Colin-Oesterlé, Maria Angela Danzi, Esther de Lange, Bas Eickhout, Pietro Fiocchi, Helène Fritzon, Malte Gallée, Gianna Gancia, Catherine Griset, Teuvo Hakkarainen, Martin Hojsík, Jan Huitema, Karin Karlsbro, Javi López, César Luena, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Silvia Modig, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Erik Poulsen, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Silvia Sardone, Günther Sidl, Ivan Vilibor Sinčić, Maria Spyraiki, Achille Variati, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Emma Wiesner, Michal Wiezik
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Asger Christensen, Christophe Clergeau, Margarita de la Pisa Carrión, Martin Häusling, Billy Kelleher, Ska Keller, Danilo Oscar Lancini, Sara Matthieu, Dace Melbārde, Manuela Ripa
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mazaly Aguilar, Katarina Barley, Daniel Buda, Ana Collado Jiménez, Marie Dauchy, Matthias Ecke, Paola Ghidoni, Anja Hazekamp, Peter Jahr, Petros Kokkalis, Peter Liese, Thierry Mariani, Lydie Massard, Nora Mebarek, Marina Measure, Nicola Procaccini, Maria Veronica Rossi, Sara Skytvedal, Michaela Šojdrová, Edina Tóth, Idoia Villanueva Ruiz, Veronika Vrecionová, Thomas Waitz, Mick Wallace, Jörgen Warborn, Stefania Zambelli





**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

71	+
ECR	Mazaly Aguilar, Sergio Berlato, Pietro Fiocchi, Nicola Procaccini, Alexandr Vondra, Veronika Vrecionová
NI	Maria Angela Danzi, Edina Tóth
PPE	Hildegard Bentele, Daniel Buda, Nathalie Colin-Oesterlé, Ana Collado Jiménez, Peter Jahr, Esther de Lange, Peter Liese, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Dace Melbārde, Dolors Montserrat, Ljudmila Novak, Francesca Peppucci, Stanislav Polčák, Jessica Polfjård, Sara Skytvedal, Michaela Šojdrová, Maria Spyraiki, Jörgen Warborn, Stefania Zambelli
Renew	Catherine Amalric, Pascal Canfin, Asger Christensen, Martin Hojsík, Jan Huitema, Karin Karlsbro, Billy Kelleher, Erik Poulsen, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Emma Wiesner, Michal Wiezik
S&D	Maria Arena, Katarina Barley, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Christophe Clergeau, Matthias Ecke, Heléne Fritzon, Javi López, César Luena, Nora Mebarek, Alessandra Moretti, Günther Sidl, Achille Variati, Petar Vitanov
The Left	Anja Hazekamp, Petros Kokkalis, Marina Mesure, Idoia Villanueva Ruiz, Mick Wallace
Verts/ALE	Michael Bloss, Bas Eickhout, Malte Gallée, Martin Häusling, Ska Keller, Lydie Massard, Sara Matthieu, Ville Niinistö, Manuela Ripa, Thomas Waitz

6	-
ECR	Teuvo Hakkarainen
ID	Marie Dauchy, Catherine Griset, Thierry Mariani
NI	Ivan Vilibor Sinčić
The Left	Silvia Modig

6	0
ECR	Margarita de la Pisa Carrión
ID	Gianna Gancia, Paola Ghidoni, Danilo Oscar Lancini, Maria Veronica Rossi, Silvia Sardone

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni